MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 290/2011

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C D f' isimha personali u**
**in rapprezentanza ta' bintha minuri F;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, u G D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li fil-21 ta' Gunju 2010 twieldet mill-konvenuta C D t-tifla F li giet registrata bhala bint il-konvenut G D, zewg l-istess konvenuta; li t-tifla hija l-wild naturali ta' l-attur minn relazzjoni li hu kellu ma' l-imsemmija C D; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-esponenti A B huwa l-missier naturali bijologiku tal-minuri F u dana, jekk ikun mehtieg, bis-sahha ta' l-opra ta' periti nominandi;

[2] tiffissa granet ghal access adegwat mill-esponenti favut l-istess minuri F.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D li minn issa qed tigi ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta C D ma opponietx ghaz-zewg talbiet, basta li l-access favur l-attur ikun wiehed regolat u supervizjonat;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti, primarjament dikjarazzjoni fis-sens li l-imsemmija tifla hija l-wild naturali tieghu; u sekondarjament li jinghata access adegwat ghat-tifla.

Illi mill-provi jirrizulta li snin wara li l-konvenuti C D u G D sseparaw de facto fis-sena 2002, l-istess konvenuta fis-sena 2009 dahlet f' relazzjoni ma' l-attur bir-rizultat li, wara circa tmien xhur, hija harget tqila minnu; u eventwalment fil-21 ta' Gunju 2010 twieldet it-tifla F.

Illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta C D jaqblu li t-tifla hija l-bint naturali ta' l-attur; u dan jinsab konfermat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla F li twieldet mill-konvenuta C D fil-21 ta' Gunju 2010; filwaqt li

tirrizerva li tiddecidi dwar it-tieni talba wara li partijiet ikunu ghaddew mill-process ta' medjazzjoni;  u sa dan it-tant il-kawza tibqa'differita ghall-informazzjoni ulterjuri.

Spejjez ta' dan il-gudizzju a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C D proprio konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------